# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn, 18 ta' Novembru, 2023

**Kawża Nru. 4**

**Rik. Nru. 64/2023 ISB**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) u b'digriet tal-31 ta' Jannar 2024 is-soċjeta' "35°14° Capital SCC plc (C 105471) taġixxi għan-nom ta' Cell Couros" ġiet awtorizzata tassumi l-atti tal-kawża minflok il-Bank attur**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **<u>ir-rikors</u>** tas-soċjeta' **Bank of Valletta p.l.c.**, intavolat fit-23 ta' Ottubru 2022, li permezz tiegħu hija talbet lil-Qorti sabiex:-

I. *Tordna li l-isem tas-soċjeta` Cake Masters Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 23518 li ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru wara t-terminu ta' sentejn u sitt xhur mogħti bil-provvediment mogħti minn Din l-Onorabbli Qorti tal-14 ta' Diċembru 2020, jerġa' jidħol fir-Reġistru tas-Soċjetajiet miżmum mill-intimat ai termini tal-artikolu 325(4) tal -Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta;*

II. *Tordna li r-Reġistratur tal-Qrati jikkonsenja lir-Reġistratur intimat għar-reġistrazzjoni kopja uffiċjali ta' l-Ordni Mogħtija fuq it-talba preċedenti;*

III. *Tagħti dawk id-direzzjonijiet u Tagħmel dawk il-provvedimenti li Jidhrilha xierqa u opportuni biex is-soċjeta` Cake Masters Limited [C 23518] u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess posizzjoni kemm jista' jkun viċin daqs li kieku l-isem tal-kumpanija Cake Masters Limited [C 23518] qatt ma ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

IV. *Tordna lir-Reġistratur tal-kumpaniji intimat jippubblika Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u fuq il-website miżmuma mill-istess Reġistratur intimat u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta;*

V. *Tordna lir-Registratur tal-kumpaniji intimat idaħħal l-isem tal-kumpanija Cake Masters Limited [C 23518] fir-Reġistru minnu miżmum skont il-Liġi.*

U dan wara li ppermettiet:

1. *Illi permezz ta' Provvediement moghti fl-ismijiet, 'Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) kontra 1. Dr Raisa Colombo u PL Daniel Aquilina nominati b`digriet tad-9 ta` Settembru 2019 bhala Kuraturi Deputati nomine sabiex jipprezentaw lil Cake Masters*

*Limited (C-23518) 2. Registratur tas-Socjetajiet', Rikors numru 48/2020 JZM, fl-14 ta' Diċembru, 2020, (Dok A) Din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta Ordnat inter alia illi, 'l-isem tal-kumpannija Cake Masters Limited li kien abbinat man-Numru ta` Registrazzjoni C43358 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji u jdum hekk registrat ghal zmien sentejn (2) u sitt (6) xhur b`effett mid-data illi fiha r-Registratur tal-Kumpanniji jaghmel ir-registrazzjoni skont kif sejjer jinghad.'*

2. *Illi dan il-Provvediement kien ngħata wara Rikors mressaq mis-soċjeta` esponenti, liema talba saret a bażi tal-artikolu 325(4) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dik il-vertenza l-esponenti ressqet provi suffiċjenti li juru li kellha l-interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija Cake Masters Limited tħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u Din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta kkunsidrat inter alia illi, 'Fix-xiehda tieghu Anthony Xuereb, Manager tal-bank rikorrent, mhux biss sostna l-fondatezza tar-ragunijiet tal-bank ghaliex istitwixxa l-procediment odjern, izda bil-konferma tieghu tal-kontenut tal-ewwel u tat-tieni paragrafi tar-rikors promotur, u tad-dokumenti li jsostnu dawk il-paragrafi, jirrizulta li l-bank rikorrent mhuwiex kreditur kwalunkwe tal-kumpannija de qua, u allura anke persuna b`interess li tistitwixxi l-azzjoni odjerna, izda huwa wkoll kreditur b`ipoteki favur tieghu registrati kontra l-kumpannija debitrici fuq proprjeta` mmobbli kif specifikat fl-atti pubblici li kienu prezentati bhala prova. B`hekk bil-fatt li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jidhol fir-registru l-bank rikorrent certament ikun jista` jipprocedi kontra l-kumpannija debitrici ghall-kreditu vantat, u jesegwixxi kwalsiasi titolu ezekuttiv li jista` jikseb kontra l-kumpannija debitrici fuq proprjeta` ipotekata favur il-bank. Li allura jfisser li*

*t-tqeghid mill-gdid tal-kumpannija debitrici jissarraf f`att ta` gustizzja sostantiva.'*

3. *Illi sussegwentement għal-provvediemnt mogħti fl-14 ta' Diċembru, 2020, l-esponenti ħadet ħsieb li tressaq proċeduri legali biex tikkawtela l-pożizzjoni tagħha fil-konfront tal-kumpanija Cake Masters Limited u ċioe`:*

    i. *Illi sussegwentment għal Rikors Guramentat intavolat mis-soċjeta` esponenti fit-18 ta' Frar, 2021 - ngħatat Sentenza minn Din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, fl-ismijiet, 'Bank of Valletta p.l.c (C-2833) Vs Avukat Raisa Colombo li b'diġriet tal-5 Ta' Lulju, 2022 ġiet sostitwita b'Dr. Mario Caruana u l-Prokuratur Legali Daniel Aquilina nominati b'diġriet tad-9 ta' Settembru 2019bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapresentaw lis-soċjeta' CakeMasters Limited (C-23518) u Avukat Dottor Martha Mifsud u l-Prokuratur Legali Katerina Zammit Cuomo nominati B'diġriet tad-9 ta' Settembru, 2019 bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrapresentaw lill-Assenti Emmanuel Darmanin (K.I.197151M) u Carmen Darmanin nee' Portelli (Passaport Numru 778757).', Rikors Guramentat 147/2021 MH fl-14 ta' April, 2023;*

    ii. *Illi fit-2 ta' Ġunju, 2023 is-soċjeta` esponenti preżentat Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Qbid fuq Hwejjeġ Immobbli kontra s-soċjeta` Cake Masters Limited, liema Subbasta bin-numru 26/2023 tinsab appuntata għas-7 ta' Diċembru, 2023;*

iii. *Illi fit-13 ta' Ġunju, 2023 is-soċjeta` esponenti preżentat Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Qbid fuq Hwejjeġ Immobbli kontra s-soċjeta` Cake Masters Limited, liema Subbasta bin-numru 28/2023 tinsab appuntata għall-14 ta' Diċembru, 2023;*

4. *Illi l-esponenti għandha kull interess illi teżegwixxi l-atti ġudizzjarji hawn fuq imsemmija u dan stante illi l-interess li kien preżenti meta intavolat il-proċeduri legali skont ir-Rikors numru 48/2020 JZM għadhom jeżistu sal-ġurnata ta' llum u fil-fatt l-esponenti hija illum kreditriċi tas-soċjeta` Cake Masters Limited [C 23518], fis-somma ta' disa mija u tnejn u għoxrin elf, seba' mija u sebgħa u tmenin Ewro u tmien ċenteżmi (€ 922,787.08) flimkien ma' l-imgħax legali dekorribbli mill-31 ta' Lulju, 2023 sad-data tal-pagament effettiv;*

5. *Illi l-intimat Reġistratur tal-kumpaniji kien parti fil-proċedura legali numru 48/2020 JZM u għalhekk huwa ġia` ben konsapevoli tal-interess li tħossha aggravatat li għandha s-soċjeta` esponenti bit-tneħħja tas-soċjeta` Cake Masters Limited;*

6. *Illi minkejja dan kollu jirriżulta illi illum il-ġurnata għadda t-terminu ta' sentejn u sitt xhur illi ngħata minn Din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta bil-provvediment tagħha sufferit tal-14 ta' Dicembru 2020 għar-rientegrazzjoni fir-Reġistru tal-Kumpaniji tas-soċjeta` Cake Masters Limited u għalhekk is-soċjeta` esponenti kellha tressaq il-proċedura odjerna;*

7. *Illi s-soċjeta` esponenti umilment tissottometti illi hija għandha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija Cake Masters Limited [C 23518] tħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji a tenur tal-artikolu 325(2) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk qed tressaq din l-azzjoni legali biex*

> *ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta l-isem tas-soċjeta` Cake Masters Limited [C 23518] jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru sabiex l-esponenti tkun tista` teżegwixxi l-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tas-soċjeta` Cake Masters Limited [C 23518];*

Rat **<u>id-dokumenti</u>** ppreżentati mar-rikors (fol 5 sa fol 17).

Rat **<u>id-digriet</u>** tagħha tas-26 ta' Ottubru 2023, minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-17 ta' Novembru 2023 fid-9:30 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji kien notifikat fl-1 ta' Novembru 2023 (ara tergo ta` fol 19).

Rat in-nota tas-soċjeta' rikorrenti intavolata fit-13 ta' Novembru 2023 (fol 20) li permezz tagħha ppreżentat affidavit ta' **Johanna Bartolo** (fol 22 sa fol 24).

Rat illi fl-14 ta' Novembru 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **<u>ir-risposta</u>** tiegħu (fol 25), li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi in kwantu għall-meriti fattwali ta' din il-kawża, l-intimat Reġistratur tixtieq tirrimetti ruħha għall-provi u għall-ġudizzju abbli u superjuri ta' dina l-Onorabbli Qorti;*
>
> *Illi r-Reġistratur bdiet sabiex tipproċedi ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji fir-rigward tal-kumpanija Cake Masters Limited (C 23518) wara illi nnotat illi hija u l-uffiċjali tagħha kienu ilhom ma jonoraw l-obbligi legali tagħhom vis-a-vis l-Att għal diversi snin. Dan wara illi nnotat illi l-aħħar kont annwali sottomess għar-reġistrazzjoni kien dak relatat mas-sena 2008 filwaqt illi l-*

*aħħar prospett annwali kien iġib id-data tal-1 t' Ottubru 2012. Ir-Reġistratur ipproċediet billi tħassar l-isem tal-kumpanija in kwistjoni wara li mxiet b'mod kif jitlob minnha l-istess Artikolu 325 tal-Att. Dan billi ntbagħtet il-korrispondenza kollha u billi nħarġu l-avviżi mitluba mill- istess Att. Filwaqt illi dina l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, ikkonfermat illi hija sodisfatta li r-Reġistratur segwa l-proċedura kollha prevista mis-subartikolu (2) tal-Art 325 u għax il-kumpannija baqgħet inadempjenti, skatta t-tħassir tal-isem skont l-istess subartikolu (2) tal-Art 325;*

*Illi r-Reġistratur quddiem din l-istess Onorabbli Qorti, diversament preseduta, kienet spjegat ampjament iċ-ċirkostanzi illi kien wasslu għal-tali tħassir. Għal benefiċċju ta' dina l-Qorti l-esponenti tixtieq iġġib a konjizzjoni ta' dina l-Qorti illi dak iż-żmien il-bank rikorrenti qatt ma kien ressaq oġġezzjoni għal tali proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija matul il-perjodu ta' tliet xhur provdut mir-Reġistratur għal ġid ta' kull min seta' qatt kellu interess jagħmel dan.*

*Illi l-bank rikorrenti fir-rikors promotur, irrefera għall-fatt illi r-Reġistratur kienet parti fil-proċedura legali numru 48/2020 JZM u għalhekk kienet konsapevoli tal-iinteress tal-bank riikorrent u għalhekk dan ħass ruħu aggravat. Illi huwa mportanti illi jiġi speċifikat illi fis-sentenza tagħha il-Qorti, diversament preseduta, kienet għamlitha ċara illi huwa dmir ewlieni tal-Qorti li fl-applikazzjoni tal-liġi tfittex bilanċ ġust. B'hekk il-Qorti qalet li għalkemm il-bank bħala fatt ma kienx irreġistra l-interess tiegħu mar-Reġistru wara l-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir tal-isem tal-kumpanija, il-Qorti qieset li, kienet x`kienet ir-raġuni għala l-bank baqa` lura, id-dekorrenza tat-terminu skont is-subartikolu (2) tal-Art 325 ma jikkostitwix preġudizzju kontra l-bank sabiex iressaq it-talba skont is-subartikolu (4) tal-Art 325. B'hekk il-Qorti qalet li għaliex tifhem id-dmirijiet u l-esiġenzi tal-intimat, il-Qorti provdiet li*

*l-isem tal-kumpannija de quo kellu jerġa` jidħol fir-Reġistru għal perjodu ta` żmien li m`għandux jaqbeż is-sentejn (2) u sitt xhur (6) b'effett mid-data li fiha l-esponent Reġistratur kien għamel ir-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-isem tal-kumpanija de quo fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, liema data kienet nhar il-24 ta' Diċembru 2020. Illi għaldaqstant, ir-Reġistartur mxiet skont l-ordni mogħtija mill-Qorti u proċediet bit-tħassir tal-isem mill-ġdid, hekk kif ordnat mill-Onorabbli Qorti;*

*Illi fis-sentenza tagħha, il-Qorti diversament preseduta, kienet ukoll eseġit illi, il-bank rikorrent kellu jqiegħed bħala prijorità` l-ħtieġa li jaġixxi b`ħeffa sabiex jirkupra l-kreditu tiegħu li huwa garantit bl-ipoteki. Il-Qorti riedet tassikura ruħha li l-bank rikorrent jaġixxi fil-pront in tutela tal-interessi tiegħu għaliex ma għandha l-ebda kontroll li bil-fatt li l-isem tal-kumpannija debitriċi reġa` daħal fir-Reġistru din tal-aħħar sejra tottempera ruħha mal-obbligi tagħha skont il-Kap 386;*

*Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-Reġistratur tal-Kumpaniji tixtieq tissolleva illi mhux qiegħda toġġezzjona illi l-isem tal-kumpanija Cake Masters Limited (C 23518) jerġa jitqiegħed fuq ir-Reġistru sabiex il-bank rikkorrent ikun jista' jkompli jipprova fl-isforzi tiegħu sabiex jiġbor il-kreditu dovut lilu. Madankollu, l-esponenti ma taqbilx illi ma għandu jingħata ebda terminu fiss lill-intimat sabiex jagħmel dan. Dan sabiex l-affarijiet ma jitwalux bla bżonn u sabiex ma jkunx hemm kumpaniji fuq ir-Reġistru illi m'humiex in regola mal-Att għal żmien indefinit.*

Rat ir-rikors tas-soċjeta' 35°14° Capital SCC p.l.c. (C105417) taġixxi għan-nom ta' Cell Couros ai termini tal-artikolu 810A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li permezz tiegħu ppermettew u talbu s-segwenti:

*Illi fil-mori tal-proċeduri odjerni, is-soċjeta' esponenti akkwistat mingħand is-soċjeta' Bank of Valletta plc id-drittijiet, it-titoli, l-interessi u l-benefiċċji kollha inkluż id-drittijiet litiġjużi fil-konfront tal-kumpanija, Cake Masters Limited (C23518), u dan bħala parti minn bejgħ ta' portafoll ta' non-perfoming loans lill-istess soċjeta' esponenti. Għal kull buon fini, kopja tal-ittra ta' notifika tat-trasferiment li ntbagħtet mill-Bank attur lill-Cake Masters Limited (C23518) in osservanza tar-regolamenti tal-Att dwar is-Securistisation, Kap 4848 tal-Liġiejiet ta' Malta qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok A**'*

*Għaldaqstant u in vista' tas-suespost, is-soċjeta esponenti qiegħda titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna, jogħġobha tawtorizza li s-soċjeta' esponenti tassumi l-atti ta' din il-kawża minflok il-Bank attur ai termini tal-artikolu 810° tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat ir-risposta tas-soċjeta' rikorrenti intavolata fid-19 ta' Jannar 2024 (fol 35) li permezz tagħha m'opponietx għat-talba tas-soċjeta' 35°14° Capital SCC p.l.c.

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta' Jannar 2024 li permezz tiegħu laqgħet it-talba tas-soċjeta' 35°14° Capital SCC p.l.c.

Rat in-nota tas-soċjeta' 35°14° Capital SCC p.l.c. noe. intavolata fis-16 ta' April 2024 (fol 40) li permezz tagħha ippreżentat affidavit ta' **Anthony Xuereb** u tal-**Avukat Dr Jean Carl Farrugia** (fol 41 sa fol 74).

Rat in-nota tas-soċjeta' 35°14° Capital SCC p.l.c. (C 105417) għan-nom ta' Cell Couros intavolata fis-6 ta' Mejju 2024 (fol 75) li permezz tagħha ppreżentat żewġ dokumenti (fol 76 sa fol 81).

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2024, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu u għalhekk, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, is-soċjeta' rikorrenti tgħid illi permezz ta' deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, tal-14 ta' Diċembru 2020 (Rik Nru 48/2020JZM), din il-Qorti kienet ordnat ir-ravveviment tas-soċjeta' **Cake Masters Limited (C-23518)** għal perjodu ta' sentejn u sitt xhur u dana wara rikors imressaq mis-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta għar-raġunijiet kontenuti fl-istess deċiżjoni.

Tispjega li in segwitu għal dan, is-soċjeta' rikorrenti intavolat b'suċċess proċeduri fil-konfront tas-soċjeta' *de quo* u proċediet b'żewġ rikorsi sabiex jinħareġ Mandat ta' Qbid sabiex jiġu maqbuda numru ta' propjetajiet immobbli sabiex jitħallas il-kreditu ta' ċirka disa' mija u għoxrin elf Ewro (€920,000) dovut lis-soċjeta' rikorrenti, flimkien mal-imgħaxx dekoribbli mill-31 ta' Lulju 2023.

Tgħid li l-intimat Reġistratur kien parti mill-proċeduri legali 48/2020JZM u għalhekk kien jaf bl-interess tas-soċjeta' rikorrenti, li tħossha aggravata bid-deċiżjoni tar-Reġistratur intimat li reġa' neħħa lis-soċjeta' *de quo* minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji stante li għadda l-perjodu ta' sentejn u sitt xhur.

Tispjega li għalhekk is-soċjeta' rikorrenti ressqet il-proċeduri odjerni sabiex għal darb'oħra l-isem tas-soċjeta' Cake Masters Limited (C 23518) jerġa' jitqiegħed fuq ir-reġistru.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-affidavit ta' **Johanna Bartolo** li permezz tiegħu kkonfermat bil-ġurament il-kontenut tar-rikors promotur fl-intier tiegħu.

Fl-affidavit tiegħu, **Anthony Xuereb** jgħid li huwa jokkupa l-kariga ta' *Senior Manager* fi ħdan ir-*Recoveries Department Remediation Section* tas-soċjeta' Bank of Valletta plc.

Jispjega li qabel it-18 ta' Diċembru 2023, meta l-kreditu tas-soċjeta' *de quo* ġiet assenjat lil 35°14° Capital SCC p.l.c., hu kien jieħu ħsieb il-faċilitajiet bankarji li l-bank ikkonċeda favur is-soċjeta' Cake Masters Limited permezz ta' żewġ kuntratti pubbliċi fl-atti tan-Nutar Dr Victor John Bisazza tat-22 t'Awwissu 2007, liema kreditu kien assigurat permezz t'ipoteka ġenerali fl-ewwel klassifika u ipoteka speċjali fl-ewwel klassifika fuq numru ta' propjetajiet fil-Fgura, Birżebbuġa, Valletta u Ħaż Żabbar.

Jispjega li minħabba li s-soċjeta' *de quo* kienet moruża fil-pagamenti tagħha u temmet il-komunikazzjoni mal-Bank, il-faċilitajiet bankarji rispettivi ġew trasferiti lir-*Remediation Section*.

Jgħid li permezz ta' diversi ittri legali datati t-3 ta' Jannar 2017, il-Bank interpella lis-soċjeta' *de quo* tħallas is-somma ta' ħames mija u tmienja u tmenin elf, mija u għaxar Ewro u għaxar ċenteżmi (€588,110.10) dovuta sa dakinhar.

Jispjega li peress li isem is-soċjeta' *de quo* kien tħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fis-27 ta' Ġunju 2020, l-Bank kien ipproċeda b'rikors għar-ravvivament tal-kumpanija li ġie akkordat permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Diċembru 2020 (Rik 48/2020) u dan għal perjodu ta' sentejn u sitt xhur.

Jgħid li peress li dan it-terminu għadda, il-Bank reġa' għal darb'oħra ppreżenta rikors sabiex isem is-soċjeta' *de quo* jerġa' jitpoġġa fir-reġistru. Jispjega li l-kreditu llum ġie assenjat lis-soċjeta' 35°14° Capital SCC p.l.c., liema kreditu llum jammonta għas-somma ta' disa' mija u erbgħa u ħamsin elf, ħames mija u sitta u erbgħin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu.

Fl-affidavit tiegħu l-**Avukat Dr Jean Carl Farrugia** jgħid li hu jokkupa l-kariga ta' direttur fis-soċjeta' 35°14° Capital SCC p.l.c. (C 105417) għan-nom ta' Cell Couros.

Jispjega li permezz ta' kuntratt privat datat t-18 ta' Diċembru 2023 is-soċjeta 35°14° Capital SCC p.l.c. (C 105417) għan-nom ta' Cell Couros akkwistat portafoll ta' *non-perfoming loans* mingħand il-Bank of Valletta plc fosthom dak dovut mis-soċjeta' *de quo*, biex b'hekk il-kreditu llum jappartjeni lil 35°14° Capital SCC p.l.c. (C 105417) għan-nom ta' Cell Couros.

Bħala garanzija tal-imsemmi dejn, Cake Masters Limited provdiet ipoteka speċjali fuq is-segwenti propjetajiet:

i. Confectionary, 212, Triq Ħaż Żabbar, Fgura
ii. Shop Bazaar, Triq Kurat Fenech, Birżebbuġa
iii. Bakery and Confectionary bin-nom '5th Avenue of New York', Sanctuary Street, Ħaż Żabbar
iv. Cafeteria f'11, Pjazza Reġina, Valletta

v. Bakery 31 bin-nom '5th Avenue of New York', Triq id-Dukkar, Ħaż Żabbar

Jgħid li sat-3 t'April 2024, is-somma dovuta kienet tammonta għal disa' mija u tnejn u sebgħin elf, seba' mija u tmintax-il Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€972,718.65) u għalhekk is-soċjeta' 35°14° Capital SCC p.l.c. (C 105417) għan-nom ta' Cell Couros għandha kull interess li isem is-soċjeta' Cake Masters Limited jerġa' jitpoġġa fuq ir-reġistru tal-kumpaniji.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi l-intimat Reġistratur isostni illi kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpannija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi sabiex sar dan. Filwaqt illi finalment jħalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeċiedi hi skond il-provi li jitressqu, b'dana kollu r-Reġistratur intimat jirrimarka illi jekk kemm-il darba l-isem tal-kumpanija jidħol lura fir-reġistru, ir-Reġistratur m'għandux jispiċċa b'kumpaniji li m'humiex in regola mal-Att fuq ir-Reġistru għal żmien indefinit.

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja*

*uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bzonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpannija Cake Masters Limited (C23518) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Mill-atti jidher ċar illi s-soċjeta' rikorrenti għandha proċeduri pendenti quddiem il-Qorti li jeħtieġu l-involviment ta' Cake Masters Limited. Illi filwaqt illi l-intimat Reġistratur għandu raġun josserva illi jekk kemm-il darba l-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-reġistru ai termini tal-Artiklu 325(4) xorta ser jissusistu l-fatturi li wasslu sabiex ir-Reġistratur neħħa l-kumpanija minn fuq ir-Reġistru – b'danakollu kull każ storja u fil-każ odjern, is-soċjeta' rikorrenti indikat li l-kumpanija fil-fatt għad hemm il-bżonn li

tibqa' attiva sabiex is-soċjeta' rikorrenti tkun tista' tenforza d-drittijiet tagħha fil-konfront tagħha.

Huwa għalhekk illi din il-Qorti, fid-deċiżjoni tagħha qed tieħu nota tal-fatt illi r-Reġistratur intimat kellu kull raġun illi jikkanċella isem il-kumpannija Cake Masters Limited (C23518) minn fuq ir-Reġistru, pero` s-soċjeta' rikorrenti għandha interess u jinsab sodisfatt dak li trid il-liġi biex huma jitolbu b'suċċess ir-ri-entegrazzjoni tal-kumpannija msemmija lura fuq ir-Reġistru.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Cake Masters Limited (C 23518)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Cake Masters Limited (C 23518)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpanniji għall-perjodu ta' ħames (5) snin, b'dan illi s-soċjeta' rikorrenti hija mistennija illi ssegwi u wieħed jispera tiffinalizza kwalunkwe proċeduri neċessarji sabiex tikseb u

tenforza kwalsiasi drittijiet kontra l-istess soċjeta` msemmija fiż-żmien hawnhekk konċess.

4. **Fir-raba' lok** tordna lis-soċjeta' r-rikorrenti sabiex, f'każ illi hija tissodisfa kull pretensjoni tagħha qabel ma jgħaddi l-perjodu ta' ħames snin hawnekk konċess, b'mod illi r-Reġistratur intimat ikun jista' jgħaddi biex jerga' jikkanċella isem il-kumpannija minn fuq ir-Reġistru biex ma jibqax hemmekk għalxejn, allura hija għandha minnufih tgħarraf b'dan lir-Reġistratur intimat sabiex b'mod immedjat huwa jkun jista' jerġa' jneħħi isem il-kumpannija **Cake Masters Limited (C 23518)** qabel l-għeluq tal-ħames snin hawn fuq imsemmija.

5. **Fil-ħames lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwasliasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Cake Masters Limited (C 23518)** fuq ir-Reġistru tal-kumpanniji u konsegwentament jerġa' jiġi kkanċellat l-istess isem kif hawn fuq deċiż, ikunu a karigu tas-soċjeta' rikorrenti.

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |